

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 190 tat-28 ta' Ġunju 2014)

F'paġna 47, fil-premessa 16, it-tieni u t-tielet sentenza:

minflok: "Biex jiġi ffaċilitat il-kalkolu, jeħtieġ li l-ammonti tal-ghajjnuna mogħtija mhux f'forma ta' għotja ta' flus kontanti jiġu konvertiti fl-ekwivalenti ta' għotja grossa ekwivalenti. Il-kalkolu tal-għotja grossa ekwivalenti fir-rigward ta' tipi trasparenti ta' ghajjnuna barra minn għotjiet u ta' ghajjnuna li tkun pagabbli f'għadd ta' pagamenti jeħtieġ l-użu ta' rati ta' imgħax tas-suq li jkunu qed jintużaw fil-mument li tkun ingħatat tali ghajjnuna."

aqra: "Biex jiġi ffaċilitat il-kalkolu, jeħtieġ li l-ammonti tal-ghajjnuna mogħtija mhux f'forma ta' għotja ta' flus kontanti jiġu konvertiti fl-ekwivalenti tal-għotja gross. Il-kalkolu tal-ekwivalenti tal-għotja gross fir-rigward ta' tipi trasparenti ta' ghajjnuna ħlief għotjiet u ta' ghajjnuna li tkun pagabbli f'għadd ta' pagamenti jeħtieġ l-użu ta' rati ta' imgħax tas-suq li jkunu qed jintużaw fil-mument li tkun ingħatat tali ghajjnuna."

F'paġna 48, il-premessa 21:

minflok: "(21) Wara li ssir notifika minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' teżamina jekk miżura li ma tikkonsistix f'għotja, self, garanzija, injezzjoni ta' kapital jew miżuri ta' finanzjament ta' riskju twassalx għal forma ta' investiment ta' ekwità jew kważi ekwità li ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* u tista' għalhekk tkun koperta fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

aqra: "(21) Wara li ssir notifika minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' teżamina jekk miżura li ma tikkonsistix f'għotja, self, garanzija, injezzjoni ta' kapital jew miżura ta' finanzjament ta' riskju li tiegħu l-forma ta' investiment ta' ekwità jew kważi ekwità twassalx għal ekwivalenti tal-għotja gross li ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* u tista' għalhekk tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

F'paġna 52, fl-Artikolu 6(1), l-ewwel sentenza:

minflok: "Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jagħti ghajjnuna *de minimis* skont dan ir-Regolament lil impriża, għandu jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont tal-ghajjnuna espressa bħala għotja grossa ekwivalenti u dwar in-natura *de minimis* tagħha, billi ssir referenza diretta għal dan ir-Regolament, u billi jiġi kkwoat it-titolu tiegħu u r-referenza ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."

aqra: "Fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jagħti ghajjnuna *de minimis* skont dan ir-Regolament lil impriża, għandu jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont tal-ghajjnuna espressa bħala ekwivalenti tal-għotja gross u dwar in-natura *de minimis* tagħha, billi ssir referenza diretta għal dan ir-Regolament, u billi jiġi kkwoat it-titolu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."